MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2023

Appell Inferjuri Numru 120/2022 LM

**Sanja Begum**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Sanja Begum**, hawnhekk 'l-appellanta', minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tat-23 ta' Settembru, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] li permezz tagħha l-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrenti fil-konfront tal-intimata **Identity Malta Agency** [hawnhekk 'l-appellata'], wara li

kkonsidra li fuq mertu identiku hemm proċeduri separati quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.

**Fatti**

2. Mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti hija ċittadina tal-Bangladesh, li hija miżżewġa lil Mashuk Mia, detentur ta' passaport maħruġ mill-Bangladesh, li wasal Malta fl-2011 bħala persuna li kienet qiegħda tfittex l-ażil, u fl-2016 ingħata *Specific Residence Authorisation (*SRA). Ir-rikorrenti spjegat li fl-2017, hija kienet talbet permess għar-rijunifikazzjoni tal-familja mill-awtoritajiet Maltin, u dan il-permess ingħata fis-7 ta' Diċembru, 2017. Żiedet tgħid li meta hija applikat biex iġġedded dan il-permess fl-2019, hija ġiet infurmata li l-permess ma setax jiġġedded għaliex ma kellhiex viża valida. Ir-rikorrenti spjegat li hija fetħet proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 t'Awwissu, 2021, fejn qegħda tikkontesta d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata li ma ġġeddilhiex dan il-permess. Kompliet tgħid li in vista ta' dawn il-proċeduri pendenti quddiem Qorti Maltija, hija qegħda titlob li tingħata assistenza umanitarja temporanja, u hija ressqet talba f'dan ir-rigward fl-20 ta' Settembru, 2021. Ir-rikorrenti qalet li fis-6 ta' Diċembru, 2021 hija rċeviet ittra maħruġa mill-Aġenzija intimata fit-2 ta' Diċembru, 2021, li permezz tagħha hija ġiet mgħarrfa li t-talba tagħha ma ġietx milqugħa, u li hija kellha tagħmel arranġamenti sabiex tħalli Malta immedjatament.

**Mertu**

3. Permezz tar-rikors tagħha quddiem il-Bord, ir-rikorrenti qalet li hija għandha dritt tibqa' f'Malta u dan sabiex tkun tista' tieħu sehem attiv fil-

proċeduri mibdija minnha, inkluż billi tkun tista' tixhed u tipprepara għall-każ tagħha. Qalet ukoll li f'sitwazzjoni simili għal dik odjerna, ċertu Peter Taiye Oladotun kien ingħata awtorizzazzjoni jibqa' f'Malta, u dan sabiex ikun jista' jiddefendi proċeduri mibdija minnu quddiem it-Tribunal Industrijali. Ir-rikorrenti qalet li hija qegħda tikkonforma mad-disposizzjonijiet dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja, u għalhekk għandha tingħata permess sabiex tkun tista' tibqa' tgħix f'Malta. Permezz tat-talbiet tagħha lill-Bord, ir-rikorrenti talbet li dan jiddikjarara li hija qegħda tiġi ddiskriminata, u dan għaliex f'sitwazzjoni identika għal tagħha, terz ingħata d-dritt li jibqa' jgħix f'Malta pendenti l-eżitu tal-proċeduri mibdija minnu.

4. Fir-risposta tagħha, l-Aġenzija intimata wieġbet li minkejja li r-rikorrenti tallega li hija talbet permess għar-riunifikazzjoni tal-familja, fil-fatt fl-14 ta' Lulju, 2017 hija kienet talbet permess ta' residenza, u dan il-permess inħareġ fis-7 ta' Diċembru, 2017. Spjegat li fl-10 t'Awwissu, 2017, l-Aġenzija intimata ħarġet ittra li permezz tagħha infurmat lir-rikorrenti bid-drittijiet tagħha bħala ċittadina ta' pajjiż terz li qegħda taħdem f'Malta legalment, filwaqt li fis-7 ta' Diċembru, 2017, l-Aġenzija intimata ħarġet il-permess ta' residenza li kellu jkun validu sal-11 ta' Diċembru, 2018. L-Aġenzija intimata spjegat li wara li skada dan il-permess ta' residenza, ir-rikorrenti ma ressqet l-ebda talba oħra sabiex tkun tista' tgħix f'Malta, u l-uniku permess ta' residenza li ġie mitlub mir-rikorrenti kien b'applikazzjoni għal permess ta' residenza temporanju permezz tal-portal fl-20 ta' Settembru, 2021. L-Aġenzija intimata qalet li r-rikorrenti kienet infurmatha li hija kienet ippruvat tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni diversi drabi, iżda ma rnexxilhiex tagħmel dan, u r-rikorrenti kienet bdiet proċeduri legali kontra l-Uffiċjal Prinċipali tal-

Immigrazzjoni, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġijiet u l-Avukat tal-Istat fil-15 t'Awwissu, 2021. L-Aġenzija intimata spjegat li r-rikorrenti qegħda titlob li tingħata permess ta' residenza għal raġunijiet umanitarji, sabiex hija tkun preżenti f'Malta waqt li jinstemgħu l-proċeduri mibdija minnha, u sakemm tingħata sentenza finali mill-Qrati Maltin. L-Aġenzija intimata qalet li hija kienet infurmat lir-rikorrenti permezz tal-avukat tagħha, li l-applikazzjoni tagħha ma tistax tintlaqa' għaliex permess ta' residenza jista' jinħareġ biss jekk u fejn jinstab li persuna tkun qegħda tgħix f'Malta legalment, u fi kwalunkwe każ l-Aġenzija m'għandiex il-mansjoni li tirregolarizza l-i*status* tal-immigrazzjoni ta' persuni bħar-rikorrenti. L-intimata qalet li hija qegħda tistenna d-deċiżjoni li ser tingħata mill-Qorti f'dan ir-rigward.

5. L-Aġenzija intimata qalet li ladarba l-permess ta' residenza tar-rikorrenti skada f'Diċembru tal-2018, u r-rikorrenti ma ngħatat l-ebda awtorizzazzjoni sabiex tibqa' tgħix hawn Malta, hija rrendiet lilha nnifisha immigranta pprojbita taħt l-Att dwar l-Immigrazzjoni. L-Aġenzija intimata spjegat li hija għandha l-mansjoni li toħroġ dokumenti ta' residenza abbażi tal-liġijiet u l-*policies* viġenti, u tali dokumenti jistgħu jinħarġu biss jekk jiġi stabbilit li persuna tkun qegħda tgħix f'Malta legalment. L-Aġenzija intimata spjegat li l-Att dwar l-Immigrazzjoni lilha ma jtihiex il-poter li tirregolarizza s-sitwazzjoni tar-rikorrenti, u tali poter huwa mħolli għal kollox fid-diskrezzjoni tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni. Qalet ukoll li ladarba l-proċeduri quddiem il-Qrati għadhom għaddejjin, hija ma tistax toħroġ permess ta' residenza kif qegħda tippretendi r-rikorrenti, u tali permess ikun jista' jinħareġ biss jekk u meta l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jiddeċiedi li jirregolarizza l-pożizzjoni tar-rikorrenti f'Malta. L-Aġenzija intimata qalet li hija tat struzzjonijiet lir-rikorrenti sabiex tħalli Malta

minnufih sakemm m'għandhiex awtorizzazzjoni tibqa' f'Malta taħt xi kundizzjonijiet differenti. Qalet ukoll li minkejja l-proċeduri mibdija mir-rikorrenti, sal-lum il-Qorti għadha ma ddikjaratx li l-pożizzjoni tar-rikorrenti għandha tiġi regolarizzata mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni. Qalet ukoll li r-rikorrenti taf li l-Aġenzija Identity Malta m'għandhiex il-poter tirregolarizza l-i*status* ta' persuni li jkunu f'Malta illegalment, tant hu hekk li hija fetħet il-proċeduri legali kontra l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, u ma inkludietx lill-Aġenzija intimata fil-kawża miftuħa minnha. L-Aġenzija intimata qalet li għalhekk hija ma tistax tifhem għal liema raġuni r-rikorrenti qegħda tippretendi li hija toħroġ il-permess ta' residenza mitlub minnha, meta l-pożizzjoni tagħha baqgħet ma ġietx regolarizzata mill-awtorità kompetenti.

## Id-Deċiżjoni Appellata

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-23 ta' Settembru, 2022, il-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrenti, wara li qies li mertu identiku għar-rikors tal-appell tressaq minnha fi proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> ***Preliminary***
>
> *The Board:*
>
> *Saw that in virtue of a decision dated 2nd December, 2021 (fol. 7), Identity Malta Agency stated:*
>
>> "Reference is made to your application for a residence permit to authorise your stay in Malta.
>>
>> Please be informed that your request to stay in Malta on the grounds of the abovementioned purpose has not been acceded to.

The reason given is: We cannot accept your application as you have been travelling and living in the Schengen Area for the past year without legal authorisation.

You are, therefore, requested to arrange for immediate departure from Malta, unless you are legally authorised to reside in Malta under different conditions."

*Saw the appeal registered on 6th December, 2021;*

*Saw the reply filed by Identity Malta Agency on 27th January, 2022.*

***Submissions filed, evidence produced and considerations***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et*** *(decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is ultimately up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board refers to the second paragraph of the Agency's decision and notes that this paragraph uses the words "*abovementioned purpose"*. However, the preceding paragraph contains no description of purpose. It simply claims that the appellant applied for a residence permit without stating what kind of residence permit was at stake.*

*The Board read the appellant's appeal carefully and saw that she claimed that she had lodged a residence permit application on 20th September, 2021, which application was lodged so she could be permitted to stay in Malta until such time as Sworn Application 829/2021* ***(Mashuk Miah et vs l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni et****) had been decided by the First Hall of the Civil Court. She asked that the Agency's decision of 2nd September, 2021 be suspended.*

*The Board also read the Agency's reply. In its reply, the Agency claimed that it could not issue a residence permit unless the individual's immigration position was regularised by the Principal Immigration Officer.*

*As the appellant as well as the Agency have managed to explain, rather well, the circumstances surrounding the Agency's decision of 2nd December, 2021, the Board,*

*for the sake of practicality, shall not declare the said decision null on account of lack of informativeness.*

*In essence, the Board understands the question which it must answer is only one. Following the appellant's application for a temporary residence permit lodged on 20th September, 2021, was the Agency correct to reject the application through its decision of 2nd September, 2021?*

*Using the leeway granted to it through the judgment **Fabio Vespa vs Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati**, the Board accessed the eCourts database and saw the appellant's sworn application before the First Hall of the Civil Court (Sworn Application 829/2021). In that case the appellant **specifically** asked the Court:*

"... umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrenti Sanja Begum għandha raġuni għalfejn tibqa' Malta tul il-pendenza tas-smigħ u tordna lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jirregolarizza l-pożizzjoni tagħha tul dan il-perijodu sabiex hija tkun tista' tkun preżenti u tiddefendi ruħha tul dawn il-proċeduri ..."

*It seems that the appellant adopted a dual course of action. She wanted so much to remain in Malta pending the outcome of the case that she made the specific request in the records of the sworn application before the First Hall of the Civil Court (19th August, 2021) and then, on 20th September, 2021, made the same request to Identity Malta Agency.*

***In these specific circumstances, considering in particular that the same request was pending before the Maltese courts, the Agency was wrong to issue its decision of 2nd December, 2021. Rather, the decision should have stated that in view of the ongoing case before the First Hall of the Civil Court, the Agency was refraining from taking cognisance of the application.***

*In any case, the Board, being in the same predicament, cannot decide on the matter once the same matter is before the First Hall of the Civil Court.*

***Decision***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta, the Board declines to take further cognisance of the appellant's appeal given that the merit is identical to one of the prayers contained in Sworn Application 829/2021 currently pending before the First Hall of the Civil Court.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

**<u>L-Appell</u>**

7. Ir-rikorrenti appellat mid-deċiżjoni appellata permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-3 ta' Ottubru, 2022, li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tirrevoka, tħassar u tannulla dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn il-Bord iddeċieda li ma jieħux konjizzjoni ulterjuri tal-appell intavolat minnha, u minflok tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif interposta quddiem il-Bord; u subordinatament għal dan, din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla d-deċżjoni appellata fl-intier tagħha, u eventwalment tordna li pendenti l-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Mashuk Miah et *vs.* l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni et**, għandu jkun hemm is-soprasessjoni tal-proċeduri quddiem l-Aġenzija Identity Malta u per konsegwenza tirrimanda l-atti lura quddiem il-Bord, skont il-każ.

8. L-appellanta spjegat li hija kienet talbet lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jirregolarizza l-pożizzjoni tagħha, permezz ta' ittra uffiċjali datata t-22 ta' Mejju, 2020, u dan kien ċaħad din it-talba tagħha. Spjegat li konsegwenza ta' dan, hija fetħet proċeduri *ai termini* tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 fl-ismijiet **Mashuk Miah et *vs* l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni et** (Rikors Numru 829/2021/AD), liema proċeduri għadhom pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Kompliet tgħid li in vista tal-fatt li hija l-attriċi fil-kawża msemmija, u għalhekk għandha l-interess ġuridiku meħtieġ biex tkun preżenti u tipparteċipa b'mod attiv f'dawn il-proċeduri, hija intavolat applikazzjoni mal-Aġenzija Identity Malta, sabiex għal raġunijiet umanitarji tingħata l-

awtorizzazzjoni neċessarja sabiex tibqa' f'Malta sakemm jiġu fi tmiemhom l-imsemmija proċeduri. L-appellanta kompliet tgħid li din it-talba tagħha ġiet rifjutata mill-Aġenzija appellata permezz ta' deċiżjoni mogħtija fit-2 ta' Diċembru, 2021, fejn hija ġiet infurmata li l-applikazzjoni tagħha ma setgħetx tiġi pproċessata għaliex lill-Aġenzija appellata rriżultalha li l-appellanta kienet ilha tivvjaġġa u tgħix fiż-Żona Schengen mingħajr awtorizzazzjoni għal madwar sena. L-appellanta qalet li għalhekk hija intavolat appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, fejn talbet li d-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata tiġi mibdula, u dan *ai termini* tal-artikolu 25(a) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellanta qalet li meta l-Bord irrifjuta l-appell tagħha, hija ħassitha aggravata, u huwa għalhekk li issa qegħda tintavola appell minn dik id-deċiżjoni quddiem din il-Qorti.

9. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanta, qalet li l-Bord kien żbaljat proċeduralment meta l-ewwel qal li l-Aġenzija appellata ma kellhiex tagħti d-deċiżjoni tat-2 ta' Diċembru, 2021, u sussegwentement iddeċieda li jagħti bħala rimedju rifjut milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ. Qalet li l-Aġenzija appellata setgħet jew tirrifjuta l-applikazzjoni jew taċċettaha, iżda ma setgħetx ma tiħux konjizzjoni tal-applikazzjoni tagħha. Qalet li dak li ssuġġerixxa l-Bord ma joħroġx mil-liġi, u għalhekk dan applika l-liġi ħażin. Qalet ukoll li f'każ li l-Bord ħass li hemm proċeduri pendenti dwar l-istess fatt, kellu jkun hemm is-soprasessjoni tal-proċeduri quddiem l-Aġenzija Identity Malta u/jew il-Bord, pendenti d-deċiżjoni tal-Prim'Awla fir-rigward tar-rikors numru 829/2021/AD. L-appellanta qalet li l-fatt li l-Bord għamel għażla li mhijiex ikkontemplata fil-liġi, jirrendi l-eżitu tal-appell wieħed skorrett, u per konsegwenza jrid jingħad li saret applikazzjoni ħażina tal-liġi.

10. It-tieni aggravju tal-appellanta huwa li l-Bord m'osservax il-liġi meta naqas milli jisma' lill-partijiet, u dan bi ksur lampanti tal-artikolu 25A (1)(ċ) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u bi ksur tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq. Qalet li huwa minnu li hija intavolat l-appell tagħha, iżda hija mkien ma ntalbet tagħmel sottomissjonijiet u/jew tressaq il-provi tagħha sabiex tissostanzja dak mitlub, bil-konsegwenza li l-Bord iddeċieda fuq sitwazzjoni li ma kinitx kompluta.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

11. L-Aġenzija appellata wieġbet li r-rikors tal-appell intavolat mill-appellanta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u m'għandux jiġi milqugħ. Qalet li l-appellanta kienet intavolat applikazzjoni għal *Single Permit* fl-14 ta' Lulju, 2017, u din l-applikazzjoni kienet intlaqgħet mill-Aġenzija appellata, bir-riżultat li l-appellanta ngħatat permess abbażi ta' xogħol, li kien validu sal-11 ta' Diċembru, 2018. L-Aġenzija appellata qalet li wara li skada dan il-permess, l-appellanta ma ntavolatx applikazzjoni oħra sabiex tikseb *Single Permit* ieħor, u għalhekk l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ma laqax it-talba tagħha sabiex ir-residenza kontinwata u illegali tagħha tiġi regolarizzata. Ġie spjegat li l-appellanta fetħet proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fir-rigward ta' din id-deċiżjoni, iżda li l-Aġenzija appellata ma ġietx imħarrka bħala parti f'dawn il-proċeduri.

12. L-Aġenzija appellata spjegat li fil-mori ta' dawn il-proċeduri, l-appellanta intavolat applikazzjoni magħha, sabiex pendenti l-eżitu tal-proċeduri quddiem il-Prim'Awla, hija tingħata permess ta' residenza fuq bażi umanitarja. L-

appellanta sostniet li kellha interess leġittimu li pendenti l-eżitu tal-imsemmija proċeduri hija tibqa' f'Malta. L-Aġenzija appellata spjegat li hija ċaħdet din l-applikazzjoni għaliex hija m'għandhiex il-mansjoni li tirregolarizza l-pożizzjoni illegali tal-applikanti li jersqu quddiemha, u li tali mansjoni hija fdata lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni. L-Aġenzija appellata qalet li ladarba l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ma laqax it-talba għar-regolarizzazzjoni tal-pożizzjoni illegali tal-applikanta, liema deċiżjoni kienet għadha *sub judice,* l-Aġenzija appellata ma setgħetx taċċetta l-applikazzjoni tal-appellanta. Kompliet tgħid li permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Settembru, 2022, il-Bord ċaħad l-appell tal-appellanta, wara li kkonsidra li hemm pendenti proċeduri quddiem il-Prim'Awla b'mertu identiku. Żiedet tgħid li fl-4 ta' Ottubru, 2022, ingħatat sentenza finali mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li permezz tagħha l-Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati f'dawk il-proċeduri, filwaqt li ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti.

13. B'riferiment għall-ewwel aggravju mressaq mill-appellanta, l-Aġenzija appellata qalet li hija ma taqbilx mar-raġunament tal-appellanta, u dan għaliex il-Bord ma qalx li l-Aġenzija appellata ma kinitx korretta fil-mertu, iżda qal biss li l-Aġenzija appellata messha stenniet l-eżitu tal-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Qalet ukoll li minkejja li l-Bord ma qabilx għal kollox mal-Aġenzija appellata, ma jfissirx li dan kien konvint mill-appell imressaq mill-appellanta, għaliex wara kollox kien jinkombi fuqha li tipprova dak pretiż minnha, in linea mal-prinċipju *ei incumbit probatio, qui dicit, non qui negat.* L-Aġenzija appellata qalet li hija ma setgħetx tilqa' applikazzjoni għall-ħruġ ta' permess ta' residenza ladarba l-applikanta kienet qegħda f'Malta L-Aġenzija appellata qalet li għalhekk, irrispettivament minn meta hija tat id-deċiżjoni, hija kienet korretta

skont il-liġi. Qalet ukoll li l-appellanta talbet li tingħata permess ta' residenza speċifikament sabiex tkun tista' ssegwi b'mod attiv il-proċeduri legali mibdija minnha, u qalet li għalhekk l-Aġenzija appellata ma setgħetx tirrifjuta li tagħti deċiżjoni fuq din l-applikazzjoni sakemm tingħata s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. B'riferiment għas-sottomissjoni tal-appellanta li kellu jkun hemm soprasessjoni tal-proċeduri quddiem l-Aġenzija appellata sakemm jiġu fi tmiemhom il-proċeduri ġudizzjarji mibdija minnha, l-Aġenzija appellata qalet li hija ma setgħetx ma tagħtix deċiżjoni sakemm jiġu fi tmiemhom il-proċeduri pendenti il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. L-appellata qalet li tul dawn il-proċeduri kollha, l-appellanta kienet u għadha meqjusa li qegħda f'Malta illegalment, u kien proprju għalhekk li hija talbet permess ta' residenza għal raġunijiet umanitarji. Qalet li għalhekk id-dewmien jew is-soprasessjoni tad-deċiżjoni tal-Aġenzija bl-ebda mod ma kien ser jibbenefika lill-appellanta, u lanqas m'huwa ser jibbenefikaha f'dan l-istadju, għaliex l-appellanta għadha meqjusa li sa issa qegħda f'Malta b'mod illegali. L-appellata qalet li lanqas m'għandu jirriżulta li l-Bord kellu jordna s-soprasessjoni tal-proċeduri quddiemu, għaliex fl-ewwel lok ma kien hemm l-ebda talba għal dan, u fit-tieni lok il-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili kienu dwar deċiżjoni differenti mogħtija mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u mhux mill-Aġenzija. Qalet ukoll li fi kwalunkwe każ, is-soprasessjoni hija rimedju straordinarju li l-liġi tikkontemplah fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni fil-kuntest ta' referenza jew kwistjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali, u hija eċċezzjoni għar-regola li l-kawżi għandhom jitmexxew bi speditezza.

14. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, l-Aġenzija appellata qalet li safejn dan l-aggravju jirrigwarda n-nuqqas ta' smigħ mill-Bord, l-artikolu 25A

(1)(ċ) tal-Kap. 217 ma jipprovdix għal proċedura fejn il-Bord għandu tassattivament jappunta l-kawżi għas-smigħ. Qalet li fi kwalunkwe każ, m'hemmx il-ħtieġa li tiġi ffissata seduta u li jitressqu sottomissjonijiet bil-fomm fi proċeduri ġudizzjarji jew kważi ġudizzjarji, u huwa biżżejjed li ż-żewġ partijiet jingħataw l-istess opportunità sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom, kemm jekk bil-miktub jew b'xi mod ieħor. Qalet li għalhekk ladarba l-appellanta ngħatat il-fakultà li tressaq l-appell u l-provi tagħha, u dan l-appell ġie meqjus u deċiż mill-Bord, ma setax jingħad li kien hemm nuqqas ta' smigħ xieraq. Qalet ukoll li lanqas ma jirriżulta li l-appellanta talbet li jkun hemm smigħ *viva voce* quddiem il-Bord, jew imqar spjegat x'kienet il-kwistjoni daqstant kruċjali li timmerita smigħ bil-fomm. L-appellata żiedet tgħid li safejn l-aggravju jirrigwarda allegat nuqqas ta' smigħ xieraq, din il-lanjanza hija waħda ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali, u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex kompetenza teżamina tali kwistjonijiet, u għalhekk lanqas dan l-aggravju m'għandu jiġi milqugħ.

15. Wara li l-Qorti semgħet it-trattazzjoni finali mill-avukati difensuri tal-partijiet u l-appell tħalla għas-sentenza, l-Aġenzija appellata ressqet rikors fis-6 ta' Jannar, 2023, li permezz tiegħu talbet li tiġi awtorizzata tressaq formalment eċċezzjoni ulterjuri ta' natura perentorja, u għalhekk saħqet li din l-eċċezzjoni tista' titressaq f'kull stadju tal-kawża. Permezz ta' digriet mogħti minn din il-Qorti fl-14 ta' Frar, 2023, ġie deċiż li l-Aġenzija appellata m'għandhiex titħalla tressaq l-eċċezzjoni perentorja fi stadju fejn il-kawża kienet tħalliet għas-sentenza, u għalhekk din il-Qorti ċaħdet it-talba.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

16. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanta fid-dawl ta' dak li ddeċida l-Bord, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mill-Aġenzija appellata fir-risposta tagħha.

*L-ewwel aggravju: applikazzjoni ħażina tal-liġi mill-Bord*

17. L-appellanta saħqet li l-Bord kien żbaljat meta qal li l-Aġenzija appellata ma kellhiex tagħti d-deċiżjoni tat-2 ta' Diċembru, 2021, u li minnha eventwalment l-appellanta intavolat l-appell quddiem il-Bord, u sussegwentement iddeċieda li mhux ser jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-każ. Qalet li l-Aġenzija Identity Malta setgħet biss tilqa' jew tirrifjuta l-applikazzjoni tagħha, iżda ma setgħetx tirrifjuta li tieħu konjizzjoni tat-talbiet tagħha. Qalet li għalhekk bid-deċiżjoni tiegħu l-Bord applika l-liġi ħażin, għaliex dak li sar minnu ma jirriżultax mil-liġi, u sostniet li ladarba l-Bord ħass li ma kellhiex tittieħed deċiżjoni mill-Aġenzija appellata ladarba kien hemm pendenti proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili, dan kellu jordna s-soprasessjoni tal-proċeduri quddiem Identity Malta jew quddiemu.

18. Il-Qorti tirrileva li dak li l-appellanta qegħda tissuġġerixxi li kellu jsir, kien proprju dak li għamlet l-Aġenzija Identity Malta meta kienet iffaċċjata bit-talba tagħha sabiex jinħarġilha permess ta' residenza. L-Aġenzija appellata spjegat li ladarba rriżultalha li l-appellanta kienet qegħda f'Malta illegalment, u kienet ilha tirrisjedi f'Malta mingħajr permess numru ta' xhur, jekk mhux snin, il-pożizzjoni tagħha setgħet tiġi regolarizzata biss mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u mhux mill-Aġenzija appellata. Din il-Qorti filwaqt li tqis li kien hemm tul ta'

żmien li matulu l-appellanta baqgħet tgħix f'Malta meta ma kellha l-ebda permess tagħmel dan, u mingħajr ma ppruvat tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha b'xi mod, taqbel pjenament mal-pożizzjoni li ħadet l-Aġenzija appellata. Jekk kellhiex tistenna, kif issuġġerixxa l-Bord, l-eżitu tal-proċeduri separati li bdiet l-appellanta quddiem il-Prim'Awla, hija konsiderazzjoni kemmxejn superfluwa meta wieħed iqis li l-Aġenzija appellata ma kinitx parti minn dawk il-proċeduri, u meta wieħed iqis li l-unika deċiżjoni li setgħet tiegħu l-Aġenzija appellata f'dan il-każ kienet li tiddikjara li hija m'għandhiex il-mansjoni li toħroġ il-permess mitlub mill-appellanta, għaliex tali poteri mhumiex fdati lilha mil-leġislatur. Mill-atti jirriżulta li wara li skada l-permess ta' residenza tal-appellanta fil-11 ta' Diċembru, 2018, hija ma talbet il-ħruġ tal-ebda permess ieħor, u bl-ebda mod ma avviċinat lill-Aġenzija appellata sabiex tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha. Fi kwalunkwe każ, ladarba l-appellanta rrendiet lilha nnifisha immigranta pprojbita b'dan in-nuqqas ta' azzjoni tagħha, kien l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni biss li seta' jirregolarizza l-qagħda tagħha f'Malta. L-appellanta kienet ben konxja ta' dan, u fil-fatt fetħet proċeduri separati quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u mhux kontra l-Aġenzija Identity Malta. Hawnhekk din il-Qorti jkollha taqbel mal-Aġenzija appellata li f'dawn iċ-ċirkostanzi, is-soprasessjoni hija rimedju straordinarju u li l-Aġenzija ma kellha l-ebda interess titlob is-soprasessjoni tal-proċeduri quddiemha, ladarba hija ma kinitx parti mill-proċeduri separati li kienu mexjin quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Amministrazzjoni pubblika tajba lanqas ma titlob li entità bħal ma hija l-Aġenzija Identity Malta twarrab it-talba tal-appellanta u teżita biex tieħu deċiżjoni, ladarba rriżultalha li l-appellanta qegħda f'Malta illegalment, u għal tul konsiderevoli ta' żmien

m'għamlet xejn biex tipprova tirregolarizza l-qagħda tagħha. L-Aġenzija appellata għamlet dak li kellha tagħmel fiċ-ċirkostanzi, u għalhekk in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li l-ewwel aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *smigħ xieraq*

19. L-appellanta tgħid ukoll li hija sfat imċaħħda mid-dritt li tingħata smigħ xieraq, għaliex fl-ebda waqt tal-proċeduri quddiem il-Bord ma tħalliet tagħmel sottomissjonijiet *viva voce*, u għalhekk ġie miksur l-artikolu 25A (1)(ċ) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta.

20. L-artikolu 25A (1)(ċ) tal-Kap. 217 fil-fatt jipprovdi li:

> "Il-Bord ikollu ġurisdizzjoni li jisma' u jiddeċiedi appelli jew applikazzjonijiet bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu jew bis-saħħa ta' kull liġi oħra."

21. Il-Bord spjega fid-deċiżjoni tiegħu, li huwa mhuwiex marbut iżomm sessjonijiet orali fejn jisma' lill-partijiet, għalkemm huwa prinċipju fundamentali fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja li biex il-ġustizzja ssir u tidher li qed issir, il-partijiet iridu jingħataw l-istess opportunitajiet jagħmlu s-sottomissjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet tagħhom. Fil-fatt dan huwa dak li ġara fil-każ odjern, bl-appellanta tressaq ir-rikors tal-appell tagħha, u bl-Aġenzija appellata tingħata terminu sabiex twieġeb għall-allegazzjonijiet tal-appellanta. Dan mhux każ fejn l-Aġenzija appellata ngħatat ċans tagħmel rappreżentazzjonijiet, tressaq xhieda, jew tagħmel sottomissjonijiet bil-fomm, meta l-istess opportunità ġiet miċħuda

lill-appellanta. Iż-żewġ partijiet ingħataw l-istess opportunità u fil-fatt mid-deċiżjoni mogħtija mill-Bord, għandu jirriżulta li dan ħa konsiderazzjoni tal-fatti u tas-sottomissjonijiet kollha li saru, kif kien mistenni li jagħmel, għalkemm finalment ta deċiżjoni li forsi m'għoġbitx lill-appellanta. Imma din il-Qorti ma taqbilx li l-appellanta għandha raġun tilmenta li hija ma ngħatatx smigħ xieraq, u għalhekk tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**